## 3 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

*Carmelo Panzavecchia versus Costantino Caruana*

### Arrest Personali — Mard tad-Debitur — Azzjoni jew Eċċezzjoni — Art. 361 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Il-mard tad-debitur mhux magħdud mil-liġi fost il-każijiet ta' eżenzjoni mill-arrest personali. Dan hu "casus omissus", li għandu jiġi governat mil-liġijiet tan-natura, u prinċipalment dak tal-konservazzjoni propria — liġijiet li huma anterjuri għal dawk magħmulin mill-bniedem, u li ma jistgħux jiġu konċepiti in kontradizzjoni mal-liġijiet umanitarji.*

*Kif il-liġi espressament teżenta mill-arrest personali dawk li jkunu daħlu fis-sittin sena — dispożizzjoni fondata fuq konsiderazzjonijiet ta' umanità, hekk ukoll, meta d-debitur, mhux minħabba l-età, imma mħabba mard, ma jistax jiġi privat mill-kuri tal-familja, jew ma jistax jittollera d-diżaġi tal-karċerazzjoni, mingħajr preġudizzju gravi ta' saħħtu, u forsi wkoll mingħajr preġudizzju ta' ħajtu, għandu jkun eżenti mill-arrest personali.*

*U dawn il-konsiderazzjonijiet jiswew mhux biss biex tispiċċa jew tiġi sospiża d-detenzjoni tad-debitur ġa arrestat, imma anki, u wisq aktar, biex jimpedixxu l-kundanna għall-arrest.*

*Għaldaqstant, jekk kontra t-talba għall-kundanna tiegħu għall-arrest personali d-debitur jopponi li għandu jiġi eżentat minħabba mard serju tiegħu, mhix aċċettabbli l-kontro-eċċezzjoni ta' l-attur fis-sens illi eċċezzjoni simili għandha tiġi dedotta "per via di azione" biss wara li tkun ġiet ottenuta l-kundanna tad-debitur, u mhux b'eċċezzjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur talab illi l-konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali sempliċi in eżekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru, 1954, fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati. Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza fuq riferita;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi huwa marid serjament, u kundanna għall-arrest personali tista' tikkaġunalu konsegwenzi serji ħafna f'saħ-

tu; u illi huwa pront iħallas id-debitu tiegħu b'rati mensili ta' £2 l-waħda;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

Peress li l-attur issolleva kontra-eċċezzjoni fis-sens illi l-eżenzjoni mill-arrest personali, jew is-sospensjoni ta' l-arrest, ma jistgħux jiġu dedotti "in via d'eccezione", imma biss b'azzjoni wara li tkun ġiet ottenuta l-kundanna;

Tikkunsidra fuq l-inċident, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi l-mard tad-debitur mhux magħdud mill-liġi fost il-kawżi ta' eżenzjoni *mill-arrest personali;*

Illi dan huwa "casus omissus", li għandu jiġi governat mill-liġijiet tan-natura, u prinċipalment dik tal-proprja konservazzjoni, li huma anterjuri għal dawk magħmulin mill-bniedem, u li ma jistgħux jiġu konċepiti in kontradizzjoni mal-liġijiet umanitarji (Kollez. Vol. XII, p. 19, u XXVII-I-851);

Illi, inoltre, il-liġi espressament teżenta mill-arrest dawk li jkunu daħlu fis-sittin sena (art. 361(c) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) — *dispożizzjoni fondata fuq konsiderazzjonijiet* ta' umanità; għaliex, kif qal l-oratur tal-Gvern Franċiż fid-diskussjoni tal-Codice Napoleone — kliem riportat fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Novembru, 1896 in "Catania vs. Vella": "L'uomo giunto all'ultimo periodo della vita è oppresso dal peso delle infermità; la privazione delle cure e di soccorsi della sua famiglia è una pena che gli può divenire mortale. L'umanità si oppone perchè il debitore esponga la sua vita per l'interesse personale *del creditore". L-istess raġunijiet — jingħad fl-imsemmija* sentenza — —jimmilitaw meta d-debitur, mhux minħabba l-età, imma minħabba mard, ma jistax jiġi privat mill-kuri tal-familja, jew ma jkunx jista' jittollera d-dizaġi tal-karċerazzjoni mingħajr preġudizzju gravi għal saħtu, u forsi wkoll mingħajr perikolu ta' ħajtu;

Illi fl-istess sentenza ċitata jingħad ukoll illi dawn il-konsiderazzjonijiet, jekk swew f'bosta każijiet quddiem din il-Qorti biex iġiegħelu li tispiċċa jew tiġi sospiża d-detenzjoni *tad-debitur ġa arrestat, għandhom jiswew wisq aktar* biex jimpedixxu l-kundanna mill-arrest (Vol. XV, paġ. 616,

prima colonna); u hekk ġie impliċitament ritenut sussegwentement minn din il-Qorti f'bosta każijiet oħra, fosthom f'dak deċiż bis-sentenza tat-23 ta' Jannar, 1897, riportata fil-Kollez. Vol. XVI, P. III, paġ. 6;

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi billi tiddikjara illi t-talba għall-eżenzjoni mill-arrest personali minħabba f'mard gravi tista' tiġi avanzata anki "in via di eccezione" fil-ġudizzju esperit għall-kundanna tad-debitur għal dak l-arrest; u tordna illi l-ispejjeż ta' l-inċident jitħallsu mill-attur.